Nru. 18,069
Prezz/Price
Lm2.40 (€5.59)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' April, 2007
Friday, 27th April, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 396

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. VI ta' l-2007 imsejjaħ l-Att ta' l-2007 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Is-27 ta' April, 2007

Nru. 397

FORZI ARMATI TA' MALTA

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Kaptan Martin C. Galea mill-*Active List* tal-Forzi Armati ta' Malta tal-Forza Regolari ta' Malta għar-Riżerva Regolari ta' Uffiċjali, meta rriżenja, b'seħħ mit-12 ta' April, 2007.

It-23 ta' April, 2007
OPM/33/87/II

Nru. 398

FORZI ARMATI TA' MALTA

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenent Mario Fabri mill-*Active List* tal-Forzi Armati ta' Malta tal-Forza Regolari ta' Malta għar-Riżerva Regolari ta' Uffiċjali, meta rtira, b'seħħ mill-11 ta' April, 2007.

It-23 ta' April, 2007
OPM/33/87/II

GOVERNMENT NOTICES

No. 396

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. VI of 2007 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2007.

27th April, 2007

No. 397

ARMED FORCES OF MALTA

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Captain Martin C. Galea from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force to the Regular Reserve of Officers, on resignation, with effect from 12th April, 2007.

23rd April, 2007

No. 398

ARMED FORCES OF MALTA

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Mario Fabri from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force to the Regular Reserve of Officers, on retirement, with effect from 11th April, 2007.

23rd April, 2007

Nru. 399

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TAL-BINI (KAP. 69)
BORD LI JIRREGOLA L-KERA – GĦAWDEX

Ħatra ta' *Chairperson* Sostitut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69) il-President ta' Malta fit-30 ta' Marzu 2007, approva n-nomina tal-Maġistrat Dott. Anthony Ellul, B.A. (Hons.) Pub. Admin., LL.D., bħala *Chairperson* Sostitut tal-Bord imsemmi, kull meta ċ-*Chairperson* ma jkunx jista' joqgħod minħabba indispożizzjoni jew xi raġuni oħra skond il-liġi.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 343 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' April, 2007 huwa b'din imħassar.

Il-25 ta' April, 2007
(MJ/44/99/II)
(OPM 1184/58/III)

No. 399

RELETTING OF URBAN PROPERTY (CAP. 69)

RENT REGULATION BOARD – GOZO

Appointment of Substitute Chairperson

IN exercise of the powers conferred by section 16 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Cap. 69) the President of Malta has, on the 30th March, 2007 approved the appointment of Magistrate Dr Anthony Ellul, B.A. (Hons.) Pub. Admin., LL.D., as Substitute Chairperson of the said Board, whenever the Chairperson cannot act because of some indisposition or some other reason at law.

Government Notice No. 343 published in the Government Gazette of the 13th April, 2007 is hereby cancelled.

25th April, 2007

Nru. 400

ATT DWAR IT-TIĠDID TAL-KIRI TA' RABA' (KAP. 199)
BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA' - MALTA

Nomina ta' *Chairperson* Sostitut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' (Kap. 199) il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi approva n-nomina bħala*Chairperson* Sostitut tal-Maġistrat Michael Mallia, LL.D., kull meta ċ-*Chairman* ma jkunx jista' minħabba indispożizzjoni jew xi raġuni oħra skond il-liġi.

Il-25 ta' April, 2007
(MJ 7 88 II)

No. 400

AGRICULTURAL LEASES (RELETTING) ACT (CAP. 199)
RURAL LEASES CONTROL BOARD – MALTA

Appointment of Substitute Chairperson

IN exercise of the powers conferred by section 5 of the Agricultural Leases (Reletting) Act (Cap. 199), the Prime Minister and Minister of Finance has appointed as Substitute Chairperson of Magistrate Dr Michael Mallia, LL.D., whenever the Chairman cannot act because of some indisposition or other reason at law.

25th April, 2007

Nru. 401

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Lista ta' Għaqdiet tal-Konsumaturi Reġistrati

Il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur jgħarraf li, għall-finijiet ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, fil-31 ta' Diċembru 2006, l-Għaqda tal-Konsumaturi kienet għaqda tal-konsumaturi reġistrata a tenur tat-Taqsima IV ta' l-imsemmi Att.

Is-27 ta' April, 2007

No. 401

ACONSUMERS AFFAIRS ACT (CAP. 378)

List of Registered Consumer Associations

The Consumer Affairs Council notifies that, for the purposes of article 33 of the Consumer Affairs Act, as of the 31st December 2006, the Consumer Association was a registered consumer association in accordance with the requirements of Part IV of the said Act.

27th April, 2007

Nru. 402

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Kummissjoni dwar l-Għajnuna Finanzjarja

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industrija tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146), il-Kummissjoni dwar l-Għajnuna Finanzjarja ġiet kostitwita kif ġej għas-sena 2007:

Chairperson
Is-Sur Anthony Mifsud, H.N.D. (Agric), Direttur ta' l-Agrikoltura

Membri
Dott. Marica Gatt, B.Sc. (Hons) Biology and Chemistry, M.Sc. Virology, Ph.D., Direttur (Plant Health)
Is-Sur Carmelo Abela, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Dott. Joseph P. Bonello, LL.D, Mag. Jur. (Int. Law), Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali
Is-Sur Joseph Seychell, Ministeru tal-Finanzi
Is-Sur Pierre Paul Camilleri, Ministeru għal Għawdex
Is-Sur Emanuel Zahra, Bord tal-Koperattivi

Segretarju
Ms Audrey Saliba

Is-27 ta' April, 2007

No. 402

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Financial Assistance Commission

IT is notified for general information that in terms of the Agricultural and Fisheries Industries (Financial Assistance) Act (Cap. 146) the Financial Assistance Commission has been constituted as follows for the year 2007:

Chairperson
Mr Anthony Mifsud, H.N.D. (Agric), Director of Agriculture

Members
Dr Marica Gatt, B.Sc. (Hons) Biology and Chemistry, M.Sc. Virology, Ph.D., Director (Plant Health)
Mr Carmelo Abela, Ministry for Rural Affairs and the Environment
Dr Joseph P. Bonello, LL.D, Mag. Jur. (Int. Law), Attorney General's Office
Mr Joseph Seychell, Ministry of Finance
Mr Pierre Paul Camilleri, Ministry for Gozo
Mr Emanuel Zahra, Co-operatives Board

Secretary
Ms Audrey Saliba

27th April, 2007

Nru. 403

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony J. Vella	Direttur u Reġistratur ta' l-Istampa *Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	25.04–1.5.2007

Is-27 ta' April, 2007

No. 403

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

27th April, 2007

Nru. 404

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Għarfien u Approvazzjoni ta' Protokoll tal-Produzzjoni għall-Inbejjed taħt l-I.Ġ.T.

B'RIFERENZA għall-artikolu 9 ta' l-A.L. 190 ta' l-2006, l-għarfien tar-reġjun ta' produzzjoni ta' l-inbejjed I.Ġ.T. "Maltese Islands" u l-protokoll tal-produzzjoni relattiva ġew approvati mid-Direttur ta' l-Agrikoltura fuq il-parir pożittiv tal-Bord li Jirregola l-Inbid. Dan il-protokoll se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2007. Aktar tagħrif jista'jintalab bil-miktub lit-Taqsima tal-Vitikultura u l-Enoloġija, Ċentru Nazzjonali ta' Riċerka u Żvilupp fl-Agrikoltura, l-Għammieri, il-Marsa.

Is-27 ta' April, 2007

No. 404

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Recognition and Approval of a Production Protocol for Wines under I.Ġ.T.

WITH reference to article 9 of L.N. 190 of 2006, the recognition of the region of production for the I.Ġ.T. wines "Maltese Islands" and the relative production protocol have been approved by the Director of Agriculture on the positive advice of the Wine Regulation Board. This protocol shall come into force on 1st May 2007. Further information may be requested in writing to the Viticulture and Oenology Unit, National Agricultural Research and Development Centre, Għammieri, Marsa.

27th April, 2007

Nru. 405

ELEZZJONI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU

BIS-SAĦĦA ta' l-I*standing Order* 4 tas-Seba' Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), fis-seduta tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa li saret nhar l-Erbgħa, l-4 ta' April, 2007, is-Sur Joseph Farrugia ġie elett Sindku u s-Sur Joseph Baldacchino ġie elett Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

Is-27 ta' April, 2007

No. 405

ELECTION OF MAYOR AND DEPUTY MAYOR

IN accordance with Standing Order 4 of the Seventh Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), at the Birżebbuġa Local Council meeting held on Wednesday, 4th April, 2007, Mr Joseph Farrugia was elected Mayor and Mr Joseph Baldacchino was elected Deputy Mayor of Birżebbuġa Local Council.

27th April, 2007

Nru. 406

ELEZZJONI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU

BIS-SAĦĦA ta' l-I*standing Order* 4 tas-Seba' Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), fis-seduta tal-Kunsill Lokali Birgu li saret nhar it-Tlieta, it-3 ta' April, 2007, is-Sur John Boxall ġie elett Sindku u s-Sur Christopher Cassar ġie elett Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Birgu.

Is-27 ta' April, 2007

No. 406

ELECTION OF MAYOR AND DEPUTY MAYOR

IN accordance with Standing Order 4 of the Seventh Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), at a Birgu Local Council meeting held on Tuesday, 3rd April, 2007, Mr John Boxall was elected Mayor and Mr Christopher Cassar was elected Deputy Mayor of Birgu Local Council.

27th April, 2007

Nru. 407

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Ħtiġijiet dwar ir-Reklami, Metodi ta' Reklamar u Direttivi ta' l-2007 dwar Reklamar dwar Logħob ta' l-Ażżard fuq is-Servizzi tax-Xandir

1. Introduzzjoni

1.1 Dawn il-Ħtiġijiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta' Reklamar u d-Direttivi saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 19(3) u (5) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Għan

2.1 Dawn id-Direttivi għandhom il-għan ewlieni jiżguraw li r-reklamar ta' mħatri fil-mezzi tax-xandir lokali jkollu responsabbiltà soċjali speċjalment lejn il-ħtieġa li nipproteġu t-tfal, iż-żgħażagħ u dawk kollha li jistgħu jweġġgħu jew ikunu sfruttati b'reklamar li juri jew iwassal il-ħajra għal-logħob ta' l-imħatri. Id-direttivi maħsuba wkoll biex iġibu 'l quddiem valuri etiċi addattati għall-kontenut ta' din il-kategorija ta' reklamar.

2.2 Dawn id-Direttivi ma jkoprux ir-reklamar ta' każinò għaliex reklamar bħal dan ma jistax isir skond l-artiklu 49 ta' l-Att dwar il-Logħob (Kapitlu 400 tal-Liġijiet ta' Malta). Kopja ta' dan l-artiklu mehmuża ma' dawn id-Direttivi.

3. Id-Disposizzjonijiet Legali li japplikaw

3.1 Ids-disposizzjonijiet tal-liġi li japplikaw qegħdin fl-artiklu 19(3) u (5) ta' l-Att tax-Xandir (Kapitlu 350) tal-Liġijiet ta' Malta.

4. It-Tifsir

4.1 Għall-iskop ta' dawn id-Direttivi, "logħob ta' l-ażżard" tfisser logħob jew logħob mill-bogħod jew imħatri jew logħob awtorizzat skond l-Att dwar il-Lotteriji u Logħob ieħor, l-Att dwar il-Logħob u minħajr ebda preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ngħad, jinkludi l-lotterija nazzjonali, is-swali kummerċjali tat-tombla, il-logħob u l-imħatri bl-Internet kif ukoll kull sura ta' logħob ieħor awtorizzat b'liċenzja; iżda ma tinkludix logħob li jsir għal għan filantropiku jew karitatevoli jew għal għan soċjali ieħor li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tapprova, kif ukoll għal logħob li jsir f'konformità na' u li hu regolat mid-Direttiva ta' l-Awtorità tax-

No. 407

BROADCASTING ACT
(CAP. 350)

Requirements as to Advertisements. Methods of Advertising and Directions applicable to Gambling Advertisements, 2007

1. Introduction

1.1 These Requirements as to Advertisements, Methods of Advertising and Directions have been made by the Broadcasting Authority in virtue of article 19(3) and (5) of the Broadcasting Act, Chapter 350 of the Laws of Malta.

2. Objectives

2.1 The main objective of these Directions is to ensure to ensure that gambling advertisements in the local broadcasting media are socially responsible, with particular regard to the need to protect children, young persons and other vulnerable persons from being harmed or exploited by advertising that features or promotes gambling. The Directions also seek to promote appropriate ethical standards in the content of this category of advertising.

2.2 These Directions do not cover the advertising of a casino since any such advertising is prohibited in terms of article 49 of the Gaming Act (Chapter 400 of the Laws of Malta). A copy of this article is attached to these Directions.

3. Applicable Legal Provisions

3.1 The applicable legal provisions are article 19(3) and (5) of the Broadcasting Act (Chapter 350) of the Laws of Malta.

4. Definitions

4.1 For the purpose of these Directions, "gambling" means gaming or remote gaming or betting or playing an authorised game under the Lotteries and Other Games Act, the Gaming Act and, without prejudice to the generality of the foregoing, includes the national lottery, commercial bingo halls, Internet gaming, betting and other forms of licensed gaming; but does not include gaming carried out for a philanthropic or charitable or other social purpose which the Authority may from time to time approve, as well as such gaming which is carried out in conformity with and is regulated by the Broadcasting Authority's directive on Conduct of Competitions and the Award of Prizes on

Xanbdir dwar it-Tmexxija ta' Kompetizzjonijiet u l-Għoti ta' Premjijiet jew kull disposizzjoni oħra fl-Att dwar Lotteriji u Logħob ieħhor jew kull leġislazzjoni sussidjarja li saret taħtu li tirregola l-logħobiet tal-mezzi tax-xandir.

the Broadcasting Media or any other provision in the Lotteries and other Games Act or any subsidiary legislation made thereunder regulating broadcasting media games.

5. Id-Direttivi

5. Directions

5.1 L-istazzjonijiet tat-televiżjoni ma għandhomx ixandru reklami dwar logħob ta' l-ażżard bejn is-6:00am u s-7:00pm. Meta reklami dwar logħob ta' l-ażżard jixxandry bejn is-7:00pm u s-6:00am, dawn m'għandhomx jixxandru waqt, immedjatament qabel jew wara, programmi għat-tfal jew f'dawk il-programmi li jkunu diretti għat-tfal jew x'aktarx li jappellaw b'mod partikolari għat-tfal.

5.1 Television stations shall not broadcast any gambling advertisements between 6:00am and 7:00pm. When gambling advertisements are broadcast between 7:00pm and 6:00am, they shall not be broadcast during, or immediately prior to or after, children's programmes or those programmes directed at or likely to be of particular appeal to children.

5.2 L-istazzjonijiet tar-radjo m'għandhomx ixandru reklami dwar logħob ta' l-ażżard bejn is-6:00am u d-9:00am u bejn is-2:00pm u s-7:00pm. Meta r-reklami dwar logħob ta' l-ażżard jixxandry bejn id-9:00am u s-2:00pm u bejn is-7:00pm u s-6:00am dawn m'għandhomx jixxandru waqt, immedjatament qabel jew wara, programmi għat-tfal jew f'dawk il-programmi li jkunu diretti għat-tfal jew x'aktarx li japplikaw b'mod partikolari għat-tfal.

5.2 Radio stations shall not broadcast any gambling advertisements between 6:00am and 9:00am and between 2:00pm and 7:00pm. When gambling advertisements are broadcast between 9:00am and 2:00pm and between 7:00pm and 6:00am they shall not be broadcast during, or immediately prior to or after, children's programmes or those programmes directed at or likely to be of particular appeal to children.

5.3 Meta reklamar dwar logħob ta' l-ażżard mhux permess skond il-paragrafu 1 u 2 t'hawn fuq, kulmin hu liċenzjat jorganizza l-imħatri ma jista' jisponsorja ebda programm jew jagħmel reklam biex jixxandar fuq ir-radju jew fit-televiżjoni.

5.3 When gambling advertising is not allowed in terms of paragraphs 1 and 2 above, the sponsorship by any gambling licensee of any programme or advert aired on any radio or television station is prohibited.

5.4 Meta reklamar dwar logħob ta' l-ażżard hu permess skond il-paragrafi 1 u 2 t'hawn fuq, ix-xandara ma jistgħu jxandru ebda reklam li:

5.4 When gambling advertising is allowed in terms of paragraphs 1 and 2 above, broadcasters shall not air any advert that:

i. jinkoraġġixxi lil xi ħadd jikser il-liġi tal-logħob; jew

i. encourages any person to contravene a gaming law; or

ii. juri żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena jew nies oħra vulnerabbli jilagħbu l-imħatri; jew

ii. shows persons under eighteen years or other vulnerable persons gambling; or

iii. jinkoraġġixxi jew jimmira għal dawk taħt it-tmintax-il sena jew oħrajn vulnerabbli biex jilagħbu; jew

iii. encourages or targets persons under eighteen years or other vulnerable persons to gamble; or

iv. jistgħu jkunu ta' ġibda partikolari għal dawk li huma taħt it-tmintax-il sena jew nies oħra vulnerabbli, jew speċjalment billi juru xi rabtiet partikolari mal-kultura żagħżugħa; jew

iv. is likely to be of particular appeal to persons under eighteen years or other vulnerable persons, especially by reflecting or being associated with youth culture; or

v. jipprofittaw ruħhom mit-tqanqil, xenqat, twemmin fieragħ, nuqqas ta' tiġrib jew tagħrif ta' dawk taħt it-tmintax-il sena jew nies oħra vulnerabbli; jew

v. exploits the susceptibilities, aspirations, credibility, inexperience or lack of knowledge of persons under eighteen year or other vulnerable persons; or

vi. ikun falz jew mhux minnu, b'mod speċjali dwar il-possibbiltajiet ta' rebħ jew kemm il-lagħab jistenna li jdaħħal; jew

vi. is false or untruthful, particularly about the chances of winning or the expected return to a gambler; or

vii. jagħti x'jifhem li l-logħob hu xi forma ta' investiment finanzjarju; jew

viii. ipinġi, jiskuża jew iħeġġeġ l-imġiba tal-logħob soċjalment irres-ponsabbli jew li jista' jwassal għal tbatija finanzjarja, soċjali jew emozzjonali; jew

ix. jissuġġerixxi li l-ħila tista' tinfluwenzna l-logħob li hu logħob purament ta' xorti; jew

x. jippromwovi t-tipjip jew l-abbuż tax-xorb ta' l-alkoħol waqt il-logħob; jew

xi. jagħti x'jifhem li l-logħob Iġib 'il quddiem jew jintqies meħtieġ biex tkun aċċettat fis-soċjetà, ikollok suċċess personali jew finanzjarju jew li jsolvilek problemi ekonomiċi, soċjali jew personali; jew

xii. ikollu l-approvazzjoni ta' personalitajiet magħrufa li jissuġġerixxu kif il-logħob għenhom għas-suċċess li kisbu; jew

xiii. jaqbeż il-limiti tad-deċenza; jew

xiv. jissuġġirixxi li l-logħob jista' jservi biex jgħinek taħrab minn ħafna problemi personali, professjonali jew edukattivi bħalma huma d-depressjoni u s-solitudni; jew

xv. ipinġi l-logħob bħala xi ħaga indispensabbli jew li għandha tingħata prijorità fil-ħajja, bħal ngħidu aħna fuq il-familja, il-ħbieb jew id-dmirijiet professjonali jew edukattivi; jew

xvi. jissuġġerixxi li l-logħob jista' jseddaqlek il-kwalitajiet personali, bħal ngħidu aħna ikabbarlek l-istima u l-personalità tiegħek ma' l-oħrajn, jew hu xi mezz biex tikseb kontroll, għarfien, superjorità, jew ammirazzjoni; jew

xvii. ilaqqa' l-logħob mas-seduzzjoni, suċċess sesswali jew ikabbarlek il-ġibda ta' ħaddieħor lejk.

vii. suggests that gambling is a form of financial investment; or

viii. portrays, condones or encourages gambling behavior that is socially irresponsible or could lead to financial, social or emotional harm; or

ix. suggests that skill can influence games that are purely games of chance; or

x. promotes smoking or the abuse of the consumption of alcohol while gambling; or

xi. implies that gambling promotes or is required for social acceptance, personal or financial success or the resolution of any economic, social or personal problems; or

xii. contains endorsements by well-known personalities or celebrities that suggest gambling contributes to their success; or

xiii. exceeds the limits of decency; or

xiv. suggests that gambling can provide an escape from personal, professional or educational problems such as loneliness or depression; or

xv. portrays gambling as indispensable or as taking priority in life, for example over family, friends or professional or educational commitments; or

xvi. suggests that gambling can enhance personal qualities, for example that it can improve self-image or self-esteem, or is a way to gain control, superiority, recognition or admiration; or

xvii. links gambling to seduction, sexual success or enhanced attractiveness.

6. Dawn id-Direttivi jgħoddu wkoll għas-servizzi *teletext* fuq it-televixin kif ukoll fuq is-sistema tad-*data* (RDS) fis-servizzi tar-radjo.

6. These Directions apply also to teletext services on television and to the radio data system (RDS) on radio services.

7. Dawn id-direttivi ma jipprojbixxux it-tħabbir ta' riżultati tal-logħob matul il-jum.

7. These directions do not prohibit the announcement of gambling results during any time of the day.

8. Dħul fis-seħħ

Dawn id-direttivi għandhom jidħlu fis-seħħ fit-22 ta' Marzu 2007.

8. Date of Entry into Force

These directions shall enter into force on 22nd March 2007.

9. Tħassir

In-Notifikazzjoni tal Gvern Numru 268 tal-2007 hija b'din imħassra.

9. Revocation

Government Notice 268 of 2007 is hereby revoked.

Nru. 408

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 408

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
20. 04. 07	Lm7.01.0 (€16.32,8)	Lm0.15.0 (€0.34,9)
23. 04. 07	Lm7.09.9 (€16.53,6)	Lm0.15.3 (€0.35,6)
24. 04. 07	Lm7.08.0 (€16.49,1)	Lm0.15.3 (€0.35,6)
25. 04. 07	Lm7.00.1 (€16.30,7)	Lm0.15.0 (€0.34,9)
26. 04. 07	Lm7.01.0 (€16.32,8)	Lm0.15.1 (€0.35,2)

Is-27 ta' April, 2007

27th April, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 34

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Wied il-Għajn

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' April 2007 mis-7.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Marina u Triq Sant'Anna.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Birkirkara

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Mejju 2007 mill-5.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Bwieraq, il-Fuħħarin, F.S. Caruana, tal-Karmnu, Brared u A. Mallia.

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Mejju 2007 mit-3.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Vittorja, il-Kbira, il-Kbira Ħas-Sajjied, Pjazza Sant'Elena, Brared, John Borg, l-Isqof Labini u Rigu.

POLICE NOTICE

No. 34

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Marsaskala

On Sunday, 29th April 2007 from 7.00 a.m. onwards through Triq Marina and Triq Sant'Anna.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Birkirkara

On Tuesday, 1st May 2007 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Bwieraq, il-Fuħħarin, F.S. Caruana, tal-Karmnu, Brared and A. Mallia.

On Thursday, 3rd May 2007 from 3.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: il-Vittorja, il-Kbira, il-Kbira Ħas-Sajjied, Pjazza Sant'Elena, Brared, John Borg, l-Isqof Labini and Rigu.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-dati msemmija huwa pprojbit, u għalhekk jiġu rmunkati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2007 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Vjal il-Labour, Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, Misraħ San Filippu u Misraħ Santu Rokku.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, Misraħ San Filippu, Filippu u Misraħ Santu Rokku.

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Santa Rokku.

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Santa Rokku.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Santa Rokku.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' April, 2007

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked will be towed away.

Għaxaq

On Friday, 25th May 2007 from 4.00 p.m. onwards through Pjazza Santa Marija.

On Sunday, 10th June 2007 from 7.00 a.m. onwards through the following streets: Vjal il-Labour, Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, Misraħ San Filippu and Misraħ Santu Rokku.

On Sunday, 10th June 2007 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, Misraħ San Filippu, Filippu and Misraħ Santu Rokku.

On Friday, 18th June 2007 from 8.00 p.m. onwards through Pjazza Santu Rokku.

On Saturday, 19th June 2007 from 8.00 p.m. onwards through Pjazza Santu Rokku.

On Sunday, 20th June 2007 from 8.00 p.m. onwards through Pjazza Santu Rokku.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

27th April, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 19 ta' l-2007

Festival ta' Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir

L-Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu se torganizza Festival ta' Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir bejn nhar is-Sibt, it-28 ta' April u nhar it-Tnejn, it-30 ta' April, 2007.

Il-murtali se jinħarqu minn fuq braken imqiegħda 'l hinn mill-Ponta ta' San' Anġlu u fit-direzzjoni tal-*Breakwater* tar-Ricasoli. Il-braken se jitqiegħdu f'posthom fil-għodwa ta' nhar is-Sibt 28 ta' April 2007 and jitħallew hemm sas-1.00 a.m. ħin lokali tat-Tlieta, l-1 ta' Mejju 2007. Wieħed jista' jara kopja ta' parti mill-*BA Chart* 177 li turi l-arranġamenti tal-braken fuq il-*website* ta' l-Awtorità:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-wirjiet tal-logħob tan-nar se jkunu kif ġej:

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 19 of 2007

Fireworks Festival in Grand Harbour

The Malta Tourism Authority will be organising a Fireworks Festival in Grand Harbour between Saturday 28th April and Monday, 30th April 2007.

Fireworks will be let off from barges placed off St Angelo Point and in the direction of Ricasoli Breakwater. The barges will be placed in position in the morning on Saturday 28th April 2007 and left in position until 1.00 a.m. local time of Tuesday 1st May, 2007. A copy of part of BA Chart 177 showing arrangement of barges may be viewed on the Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

The fireworks displays will be as follows:

Is-Sibt 28 ta' April 2007 bejn is-7.00 p.m. u s-1.00 a.m. tal-Ħadd 29 ta' April 2007.

Il-Ħadd 29 ta' April 2007 bejn is-7.00 p.m. u s-1.00 a.m. tat- Tnejn 30 ta' April 2007.

It-Tnejn 30 ta' April 2007 bejn is-7.00 p.m. u s-1.00 a.m. tat-Tlieta l-1 ta' Mejju 2007.

Minħabba dan imsemmi hawn fuq, ngħarrfu lill-baħħara li parti mill-Porti il-Kbir (kif murija fuq il-*website* imsemmi) se tkun magħluqa għall-bastimenti u inġenji kollha bejn is-7.00 p.m. u s-1.00 a.m. (1700hours u 2230 hours UTC) fid-dati msemmija hawn fuq. Linja immaġinarja tgħaqqad l-inħawi magħluqa bejn il-ponot A – B, C – D, E – F u G – H kif murija fiċ-*Chart* imsemmija. Il-baħħara għandhom iżommu 'l bogħod mill-braken fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-ebda dgħajjes ma jitħallew jidħlu fl-inħawi pprojbiti, għajr b'permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv, (Portijiet) b'arrangament mill-Kumitat Organizzattiv. Il-baħħara għandhom jobdu d-direzzjonijiet maħruġa mis-*Signal Station* tat-Torri tal-Palazz, il-Pulizija u l-*patrol boats* fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177.

Is-27 ta' April, 2007

Saturday 28th April 2007 between 7.00 p.m. and 1.00 a.m. of Sunday 29th April 2007.

Sunday 29th April 2007 between 7.00 p.m. and 1.00 a.m. of Monday 30th April 2007.

Monday 30th April 2007 between 7.00 p.m. and 1.00 a.m. on Tuesday 1st May 2007.

In view of the above, mariners are informed that part of Grand Harbour (as shown on the chart the above mentioned website) will be closed to all vessels and craft between 7.00 p.m. and 1.00 a.m. of the following day local time (1700 hours and 2300 hours UTC) on the above-mentioned dates of the display. An imaginary line binds the restricted area between the points A – B, C – D, E – F and G – H as shown on the above mentioned chart. The barges are to be given a wide berth outside the times and dates stipulated above.

No boats will be allowed to within the restricted area, except by special permission from the Executive Director, (Ports) by arrangement through the Organising Committee. Mariners are to obey directives issued by the Palace Tower Signal Station, Police and patrol boats in the area.

Chart affected: BA 177.

27th April, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dawn l-iskejjel:

Junior Lyceum tas-Subien Dun G Zammit (Brighella), il-Ħamrun

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.99 (€4.64) għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following Schools:

Dun G Zammit (Brighella) Boys' Junior Lyceum, Ħamrun

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.99 (€4.64) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'Sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jafu dak meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti;

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni. L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess biex jiġi verifikat fil-ħin ta' l-intervista).

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Mejju, 2007.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 18th May, 2007.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail

rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-27 ta' April, 2007

in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

27th April, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt għall-Pożizzjoni ta' *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

2. Il-persuni magħżula jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Case Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.1 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha fis-Servizz Pubbliku ta' Malta kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Case Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Case Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (Lm7,287 fl-2007) (€16,974.15) fl-ewwel sena tal-kuntratt, ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 8 (Lm7,780 fl-2007) (€18,122.53) fit-tieni sena tal-kuntratt u l-massimu ta' Skala 7 (Lm8,316 fl-2007)

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Case Officer in the Consumer and Competition Division of the Ministry for Competitiveness and Communications

The Public Service Commission invites applications for the position of Case Officer in the Consumer and Competition Division of the Ministry for Competitiveness and Communications.

2. The selected candidates will enter into a three (3) year contract as Case Officers in the Consumer and Competition Division within the Ministry for Competitiveness and Communication. Unsatisfactory performance as EU Fund Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.1 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Malta Public Service as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Case Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The salary attached to the position of Case Officer in the Consumer and Competition Division of the Ministry for Competitiveness and Communications is equivalent to the maximum of Scale 9 (Lm7,287 in 2007) (€16,974.15) during the first year of contract, equivalent to the maximum of Scale 8 (Lm7,780 in 2007) (€18,122.53) during the second year of contract, and to the maximum of Scale 7 (Lm8,316 in 2007)

(€19,371.08) fit-tielet sena tal-kuntratt. Jekk persuna magħżula jkollha l-*warrant* biex tipprattika l-professjoni legali u għandha sentejn esperjenza minn meta kisbet il-*warrant*, din tirċievi l-massimu ta' Skala 7.

3.1 F'każ li l-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

4. Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuni maħtura jkunu intitolati għal *disturbance allowance* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju tagħhom għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet mormali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

4.1 *Case Officers* li jkunu qegħdin jirċievu salarju ekwivalenti għall-maxximu ta' Skala 7 jkunu intitolati għal *performance incentive bonus* ta' mhux aktar minn 10% tas-salarju bażiku tagħhom, fuq bażi ta' riżultati pożittivi.

5. Il-persuni magħżula ma jitħallewx jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament.

6. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Officer* iridu, *inter alia*, imexxu investigazzjonijiet, jagħmlu xogħol ta' riċerka, jagħmlu analiżi, jiġbru informazzjoni, u jikkompilaw rapporti u dokumenti oħra li jikkonċernaw materji tal-kompetizzjoni. Il-persuni jkunu mitluba wkoll li jittrattaw każijiet quddiem il-Qrati u jagħmlu preżentazzjonijiet orali jew bil-kitba kemm f'Malta kif ukoll barra.

7. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Cittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

(€19,371.08) during the third year of contract, provided that a person in possession of a warrant to practise the legal profession and with two years experience after obtaining the warrant will receive a salary equivalent to the maximum of Scale 7.

3.1 In the case that the selected applicants are public officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. In view of the special nature of the duties involved, the appointees will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of their salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry for Competitiveness and Communications.

4.1 Case Officers receiving a salary equivalent to the maximum of Scale 7 will also be entitled to a performance incentive bonus of up to a maximum of 10% of their basic salary subject to positive performance.

5. The contract employees will not be allowed to perform their profession privately.

6. A Case Officer will be required *inter alia* to lead and manage investigations, to undertake research work, perform analysis, compile data, draw up reports and other documents concerning competition policy. Moreover, they will be required to engage in judicial litigation and make oral and written presentations both in Malta and abroad.

7. Applicants for the position must:-

(i) be citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided that they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(v) Ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(vi) ikollhom *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

JEW

ikunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali;

(vii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form* (GP47) filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

8. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti eliġibbli li għandhom *post graduate degree* jew kwalifika akkademika *postgraduate* komparabbli fil-liġi jew f'materji Ewropej.

9. Persuni reġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413) anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għal dan il-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, sakemm ukoll ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u kkupjata lill-KNDP.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(v) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(vi) be in possession of a warrant to exercise the profession of Advocate in Malta;

OR

be Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service in the grade of Junior Legal Officer/Legal Officer.

(vii) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8. Due consideration will be given to eligible applicants who are in possession of a postgraduate degree or any other comparable postgraduate academic qualification in Law or European Affairs.

9. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post, and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

9.1 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials including University Academic Records (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10.1 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/ istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1 It is the responsibility of applicants in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11. Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli sabiex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni

11. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.1 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Santa Venera.

11.1 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera.

11.2 Notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti tiġi ppubblikata kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal- Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.3. Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11.3 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

13. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

13. On engagement, a selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the Agreement for public officers not holding/ holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt

14. Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa li jattendu korsijiet u laqgħat barra minn Malta, kif ukoll li jagħmlu xi żmien jaħdmu ma' istituzzjonijiet barra l-pajjiż.

14. The selected applicant may also be required to travel abroad to attend for specialised courses and meetings, including periodic attachments with foreign institutions.

14.1 Il-persuni magħżula li jintbagħtu biex jagħmlu korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta jkunu marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

14.1 When proceeding abroad to follow courses, selected applicant will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

15. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifika u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Santa Venera, sa mhux aktar tard minnofsinhar tal-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2007.

16. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Santa Venera.

17. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2007, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtiega. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Santa Venera, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali huwa +356 2144 6257).

18. (a) Tingħata riċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn f'din id-Diviżjoni.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni, fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' April, 2007

15. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera, by not later than noon of Friday, 25th May 2007.

16. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://ww.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera.

17. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 25th May 2007 may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Consumer and Competition Division, Office for Fair Trading, Cannon Road, St Venera, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Office of the Director General is +356 2144 6257).

18. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Consumer and Competition Division, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Consumer and Competition Division within seven (7) days.

27th April, 2007

KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦALL-EDUKAZZJONI OGĦLA

Pożizzjoni ta' Uffiċjal fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla (NCHE) ġiet stabbilita skond l-Att III ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni. L-NCHE tagħti konsulenza u pariri lill-Gvern dwar dawk l-oqsma kollha li jirrigwardaw l-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

2. Il-NCHE qed tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal tal-Kummissjoni skond il-permess tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ numru 63/2007.

NATIONAL COMMISSION FOR HIGHER EDUCATION

Position of Commission Officer at the National Commission for Higher Education

The National Commission for Higher Education has been established under Act III of 2006 amending the Education Act. The NCHE consults and advices government on all issues relating to advanced and higher education.

2. The National Commission for Higher Education is seeking to fill the vacant position of Commission Officer from suitable applicants as per ETC permit 63/2007.

3. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa tiffirma kuntratt ta' tliet snin bħala Uffiċjal tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla. Jekk il-ħidma ta' l-uffiċjal magħżul ma tkunx sodisfaċenti matul dan iż-żmien il-kuntratt jiġi terminat.

4. Is-salarju ta' l-Uffiċjal tal-Kummissjoni huwa ta' bejn Lm8,500 (€19,799.67) u Lm10,000 (€23,293.73) fis-sena skond il-kwalifiki u l-esperjenza. Id-differenza bejn is-salarju li l-uffiċjal hu intitolat għalih fil-grad tiegħu ma' l-organizzazjoni u s-salarju li jingħata fil-pożizzjoni li għaliha ġie magħżul tingħata bħala *allowance* li ma tgħoddx għall-pensjoni.

5. L-Uffiċjali tal-Kummissjoni jirrappurtaw lill-Kap Eżekuttiv. Aktar dettal dwar il-pożizzjoni inkluż ir-responsabbiltajiet, il-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa għal din il-pożizzjoni jinsabu annessi f'*Annex 1* hawn taħt.

6. Min japplika għandu jkollu/ha:

i. Ta' l-anqas *honours degree*, bi klassifikazzjoni ta' *second upper* jew aħjar, fl-edukazzjoni, liġi, ekonomija, *management,* jew *degree* jew kwalifika professjonali komparabbli oħra rikonoxxuta li jkunu meqjusa bħala rilevanti mill-Kummissjoni.

ii. Sentejn esperjenza f'qasam ta' xogħol li jkun meqjus rilevanti mill-Kummissjoni.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Rappreżentazzjonijiet skond din il-klawsola għandhom ikunu mehmuża u msaħħa bid-dokumenti relevanti, li għandhom ukoll jinkludu xhieda dokumentata ta' reġistrazzjoni ma' l-KNDP.Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, il-Bini ta' l-Università l-Antika, Triq San Pawl, Valletta, u kkupjata lill-KNDP.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti originali għandhom jintwerew waqt l-intervista).Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta'

3. The selected candidate will be expected to enter into a three year contract as Commission Officer at the National Commission for Higher Education. Unsatisfactory performance as Commission Officers during the contract period will lead to termination of the contract.

4. The position of Commission Officers carries a salary of Lm8,500 (€19,799.67) -Lm10,000 (€23,293.73), depending on qualifications and experience. The difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her employment terms with the organisation and the salary of the position for which he/she has been selected will be paid as a non-pensionable allowance.

5. The Commission Officers will report to the Chief Executive Officer. A detailed job description, listing the responsibilities and the Knowledge/Skills/Qualifications required for this position is attached hereunder in Annex 1.

6. Applicants must be in possession of:

(i) An Honours Degree or higher, with a minimum of second class upper classification, in education, law, economics, management or other relevant area as deemed appropriate by the Commission, from an accredited college or university.

(ii) Two years relevant work experience as deemed appropriate by the NHCE.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post/position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasons considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Chief Executive Officer, National Commission for Higher Education, Old University Buildings, Triq San Pawl, Valletta and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview). It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on

rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu jattendu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla maħtur mill-NCHE biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post. Il-Bord ta' l-Għażla jassessja lill-applikanti a bażi ta' kemm ikunu adatti biex jeżegwixxu x-xogħol.

10. L-applikazzjonijiet, referenzi flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Kap Eżekuttiv, Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Oghla, Bini ta' l-Università l-Antika, Triq San Pawl, Valletta, jew permezz ta l-*Email* fuq info@nchemalta.org sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Mejju 2007.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-NCHE mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2598 2462.

12. Tingħata riċevuta bil-posta għal kull applikazzjoni li tasal fiż-żmien stipulat.

13. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq l-NCHE jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

ANNEX 1

Deskrizzjoni tal-Kariga – Uffiċjal fil-Kummissjoni

Uffiċjali fil-Kummissjoni jkunu ta' appoġġ lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Oghla f'dawn l-oqsma:

Qafas ta' Finanzjament għas-settur;
Qafas ta' Assigurazzjoni ta' Kwalità;
Politika relatata ma' l-istudenti fil-qasam ta' l-Edukazzjoni Oghla;
Politika Internazzjonali fil-qasam ta' l-Edukazzjoni Oghla;
Statistika u *Management* ta' Informazzjoni

comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Eligible applicants will be interviewed by a selection board appointed by The National Commission for Higher Education to assess their suitability for the position. The Selection Board will assess the applicant on the basis of suitability to perform the job.

10. A curriculum vitae together with references, attached to the covering letter is to be submitted to Chief Executive Officer, by hand or by post at National Commission for Higher Education, Old University Buildings, Triq San Pawl, Valletta or by e-mail on info@nchemalta.org by not later than Wednesday, 9th May 2007.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date for applications may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach The National Commission for Higher Education by not later than one week after the closing date with an explanation for the delay. The fax number is +356 2598 2462.

12. All applications received will be acknowledged in writing.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by The National Commission for Higher Education within seven (7) days.

ANNEX 1

Job Description - Commission Officer

Commission Officers will support the National Commission for Higher Education in the following areas:

Funding Framework;
Quality Assurance Framework;
Student Affairs

International Affairs;
Statistical Framework and Organisation of Knowledge Management

Uffiċjali jkunu responsabbli għall-iżvilupp tal-oqsma rispettivament fdati lilhom mill-Kummissjoni u l-Kap Eżekuttiv minn żmien għal żmien.

L-Uffiċjali kollha jifformaw parti mis-Segretarjat tal-Kummissjoni u l-funzjonijiet tagħhom jinkludi:

L-iżvilupp ta' profil intellettwali u tmexxija fil-qasam fdata lilhom mill-Kap Eżekuttiv;

L-iżvilupp tal-kapaċitajiet neċessarji fis-Segretarjat tal-Kummissjoni Nazzjonali Edukazzjoni Ogħla sabiex jindirizzaw il-qasam fdat lilhom;

Li jżommu lill-Kummissjoni informata u jagħtu suġġerimenti u pariri tagħhom lil-Kummissjoni fil-qasam relattiv;

Kitba ta' *policies* għal dan il-qasam u reviżjoni ta' *policies* mill-perspettiva tal-qasam tagħhom;

Appoġġ lill-Kap Eżekuttiv u s-Segretarjat biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Kummissjoni (indikati fl-Artikoli 65 u 66 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni);

Kollaborazzjoni ma' l-imsieħba soċjali relatati;

Ġbir, kumpilazzjoni u analiżi ta' informazzjoni neċessarja għall-isvolġiment tal-funzjonijiet fuq imsemmija.

Is-27 ta' April, 2007

Commission Officers will be responsible for the development of their assigned areas of responsibility as delegated by the Commission and the CEO from time to time.

All Commission Officers will form part of the Commission Secretariat and will generally:

Develop intellectual leadership in the designated area of responsibility assigned by the CEO;

Develop the relevant capabilities within the NCHE Secretariat to address the designated area;

Inform and advise the Commission on the designated area;

Draft policies on the area and will review policies from the perspective of the designated area;

Support the CEO and the secretariat to deliver its objectives (as specified in Clauses 65 and 66 of the Education ACT Section);

Collaborate with all stakeholders on issues in related area of responsibility;

Source, compile and analyse the information required to support the above functions.

27th April, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi i Lokali jilqgħu applikazzjonijiet għall-Ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti, għall-Ingaġġ inizjali ta' tnax-il xahar, fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti għandhom ikunu:-

a) ċittadini ta' Malta;

b) medikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet skond il-livell tal-Forza Regolari. Dan jinkludi li ma jkunux iqsar minn 1.57m. fil-każ ta' l-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

ċ) ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tal-kondotta (Form A) mill-Pulizija maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni);

d) (i) għalqu t-18-il sena u ma jkunux għalqu t-23 sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet; jew

(ii) Għalqu t-18-il sena u ma jkunux għalqu l-25 sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet fil-każ ta' kandidati li jkollhom *Degree* Universitarja; jew

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Recruitment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations invite applications for the enlistment of Officer Cadets, on an initial twelve-month engagement, in the Regular force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must be:-

a) citizens of Malta;

b) medically fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males and 1.52m for females and an acceptable body weight in proportion to height;

c) of good moral character (a Police Certificate of Conduct, Form "A", issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

d) (i) 18 years of age and not having attained the age of 23 years by the closing date of the call for applications, or

(ii) 18 years of age and not having attained the age of 25 years by the closing date of the call for applications in the case of candidates in possession of a University Degree, or

(iii) fil-każ ta' membri tal-Forzi Armati ta' Malta, l-ogħla età hija estiża għal dawk li jkunu għadhom m'għalqux il-25 sena fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

3. L-applikanti:-

a) għandu jkollhom *passes* rikonoxxuti f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju tas-*SEC/General Certificate of Education* jew ekwivalenti rikonoxxut. Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u l-Fiżika jew il-Kimika. Barra minn hekk, għandu jkollhom *passes* rikonoxxuti f'zewġ suġġetti f'Livell Avvanzat fil-Matrikola/*General Certificate of Education* jew eżami ekwivalenti rikonoxxut;

JEW

b) għandhom ikunu temmew b'suċċess kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal inkarigat fin–*Navigational Watch* jew kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fl-*Engineering* maħruġ mill-Istitut Marittimu ta' l- MCAST.

3.1 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/ istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC), fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża ma' l-applikazzjoni, u l-oriġinali għandha tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment li qed jilqa' l-applikazzjonijiet kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4. L-eżami se jitmexxa mid-Direttur ta' l-Eżamijiet u mill-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

5. L-eżami se jikkonsisti fi:–

L-Ewwel Parti – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

Primarjament jittieħed it-tul tal-kandidat biex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para 2b ta' din is-sejħa. Dawk li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għall-Eżami ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Forza Regolari.

Il-livell minimu li jrid jintlaħaq f'kull wieħed mit-tliet testijiet ta' effiċjenza fiżika hu kif jidher hawn taħt:-

Età bejn it-18 u l-21 sena

a) 1 *mile run* – mhux iktar minn 7.52 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 9.15 minuti fil-każ tan-nisa.
b) *Push-ups* – mhux inqas minn 32 darba fil-każ ta' l-irġiel u 13-il darba fil-każ tan-nisa.

(iii) in the case of serving Armed Forces of Malta personnel not having attained the age of 25 years by the closing date of the call for applications.

3. Applicants must:-

a) be in possession of recognised passes in six subjects at Ordinary level of the SEC/General Certificate of Education or recognised equivalent. These six subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and either Physics or Chemistry. In addition they must be in possession of recognised passes in two subjects at Advanced Level in the Matriculation/General Certificate of Education or recognised equivalent;

OR

b) have successfully completed the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of a Navigational Watch or the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of an Engineering Watch at the MCAST Maritime Institute.

3.1 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

4. The examination shall be conducted by the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations.

5. The examination shall consist of:–

Part 1 – Fitness Efficiency Test

Candidates will be primarily checked for height in order to ensure that they meet the requirements stipulated in para 2b of this call. Those who are found to meet such requirements will be subjected to a Fitness Efficiency Test to ensure fitness to Regular Force standards.

The minimum standards which have to be reached in each of the fitness tests are as follows:-

Age category from 18 to 21 years:

a) 1 mile run – not more than 7.52 minutes for males and 9.15 minutes for females;
b) Push-ups – not less than 32 repetitions for males and 13 repetitions for females;

ċ) *Sit-ups* – mhux inqas minn 42 darba fil-każ ta' l-irġiel u 40 darba fil-każ tan-nisa.

Età bejn it-22 u l-25 sena

a) 1 *mile run* – mhux iktar minn 8.11 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 9.35 minuti fil-każ tan-nisa.
b) *Push-ups* – mhux inqas minn 30 darba fil-każ ta' l-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa.
ċ) *Sit-ups* – mhux inqas minn 37 darba fil-każ ta' l-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa.

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li kisbu *pass* fl-Eżami ta' Effiċjenza Fiżika.

(Marki: Mass 100 Min 50)

It-Tieni Parti – *Educational Assessment Process*

Il-kandidati li jgħaddu mit-testijiet ta' l-Ewwel Parti jiġu assessjati mill-Bord ta' l-Għażla biex jiġi żgurat li huma adatti fuq bażi ta' dawn il-kriterji:

	L-Ogħla Marka
(i) Kwalifiki Edukattivi	60
(ii) Intervista	120
(iii) *Lecturette*	120

Massimu: 300
Minimu: 200

Jiġu kkunsidrati kwalifiki addizzjonali rilevanti.

6. L-ordni tal-mertu jiġi stabbilit skond it-total ta' marki miksuba fl-Ewwel u t-Tieni Parti.

7. Kandidati li jonqsu li jattendu għal xi wieħed mill-*Physical Efficiency Tests* jew *Medical Tests* u/jew *l-Assessment Process* jiġu kkunsidrati li weħlu mill-eżami.

8. L-eżami se jitmexxa minn *panel* ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tad-Direttur tal-Eżamijiet, u tal-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

9. Ir-riżultat ta' l-eżami jibqa jgħodd għal tnax-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali.

10. 10. Il-kandidati magħżula jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impieg skond ir-regolamenti tal-Forzi Regolari. L-Eżami Mediku jitmexxa mill-Forzi Armati u jkun finali u konklussiv.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinġabru mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mingħand ir-*Recruiting*

c) Sit-ups – not less than 42 repetitions for males and 40 repetitions for females;

Age category from 22 to 25 years:

a) 1 mile run – not more than 8.11 minutes for males and 9.35 minutes for females;
b) Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females;
c) Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females;

Candidates must at least attain the minimum standard in each fitness test to be considered as having gained a pass in the Fitness Efficiency Test.

(Marks: Max 100 Min 50)

Part II – Educational Assessment Process

Candidates who pass the tests of Part I will be assessed by a Selection Board to assess their suitability based on the following criteria:

	Max Mark
(i) Education Qualifications	60
(ii) Interview	120
(iii) Lecturette	120

Maximum: 300
Minimum: 200

Additional relevant qualifications will be given consideration.

6. The order of merit will be established according to the total marks obtained in Parts I and II.

7. Candidates who fail to attend any part of the Physical Efficiency Tests, and/or Medical Tests, and/or Assessment Process will be considered to have failed the examination.

8. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations.

9. The result of the examination will be valid for a period of twelve months from the date of its official publication.

10. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force Standards. The Medical Examination carried out by the Armed Forces will be final and conclusive.

11. Application forms may be collected from the Examinations Department, Floriana or from the Examinations Centre, Victoria Gozo or from the Recruiting Office, Luqa

Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa jew direttament minn fuq il-*Website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt mit-Tnejn, is-7 ta' Mejju 2007.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) għandhom jiġu ppreżentati personalment minn nhar it-Tnejn, l-14 ta' Mejju 2007 sa nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Mejju 2007 (id-data ta' l-għeluq) fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex bejn it-8.00 a.m. u nofs inhar u mis-1.30 p.m. sa l-4.00 p.m.

13. Ma' l-applikazzjoni l-kandidati għandhom jippreżentaw:-

a) dikjarazzjoni tas-Servizz (fil-każ ta' membri li preżentement jaħdmu fil-Forzi Armati ta' Malta biss);

b) il-karta ta' l-Identità (fotokopja mehmuża)

ċ) ċertifikat riċenti tal-kondotta mill-Pulizija Form "A" (maħruġ fi żmien 6 xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni);

d) dritt ta' ħlas ta' Lm4 (€9.32).

14. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

15. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta b'mod sommarju ma' kull kandidat li, filwaqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-Istruzzjonijiet maħruġa biex jimxu fuqhom il-kandidati.

16. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jirriserva d-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu wkoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar parti waħda biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

17. Il-kandidati li jgħaddu jiġu ingaġġati fir-rank ta' *Gunner* għal perjodu inizjali ta' taħriġ ta'tnax-il xahar bħala Kadetti. L-ewwel tliet xhur ta' l-ingaġġ ikunu jikkonsistu f'kors ta' taħriġ mandatorju militari bażiku u l-kadetti jistgħu wara jkunu meħtieġa jagħmlu perijodu ta' taħriġ barra minn Malta. It-tliet xhur taħriġ mandatorju ma jistgħux ikunu interrotti ħlief f'każ ta' mard iċċertifikat. Kandidati li ma jilħqux il-livell neċessarju matul il-perjodu ta' taħriġ jistgħu jigu mkeċċija.

18. Il-Kandidati li jispiċċaw dan il-perijodu ta' taħriġ b'suċċess, fi tmiem l-ingaġġ ta' tnax-il xahar, jingħataw kummissjoni fir-rank ta' *Second Lieutenant* għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Wara li jiskadi dan il-perjodu u soġġett għal kemm ikunu qdew dmirijiethom sewwa, l-Uffiċjali Kummissjunati jiġu promossi għar-*rank* ta' Logutenent.

19. Uffiċjali Kummissjunati jkunu marbuta li jservu fil-Forza Regolari għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin

12. Application forms (only those admissible) should be handed in personally from Monday, 14th May 2007 to Friday 18th May 2007 (closing date) at the Department of Examinations, Floriana or at the Examinations Centre, Victoria, Gozo between 8.00 a.m. and noon and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

13. With the application form candidates must produce:

a) a declaration of service (in the case of serving Armed Forces of Malta personnel only);

b) their official Identity Card (photocopy to be attached);

c) a recent Police conduct certificate, Form "A" (issued within six months prior the closing date of application);

d) an examination fee of Lm4 (€9.32).

14. Late applications will not be considered.

15. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or of any breach of the Instructions issued for the guidance of candidates.

16. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Examination if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one area or a particular stage of the examination.

17. Successful candidates will be enlisted in the rank of Gunner for an initial twelve-month training period as Officer Cadets. The first three months of engagement will consist of a mandatory basic military training course and cadets may subsequently be required to undergo a period of training abroad. The mandatory three-month period cannot be interrupted for any reason whatsoever except certified sickness. Failure to meet the required standards at any point during the training period may lead to instant dismissal.

18. Candidates who complete this period of training successfully will, at the end of the twelve month engagement be commissioned in the rank of Second Lieutenant for a period of eighteen months. On the expiry of this period and subject to satisfactory performance, the Commissioned Officers will then be promoted to the rank of Lieutenant.

19. Commissioned Officers will be bound to serve in the Regular Force for a minimum period of three years from the

mid-data ta' meta jingħataw il-kummissjoni. Wieħed għandu jinnota wkoll li, skond ir-Regolamenti preżenti tal-Forzi Armati ta' Malta, Uffiċjali Kummissjunati li jieħdu kors ta' taħriġ barra minn Malta jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu perjodu ta' servizz mandatorju, soġġett għal massimu ta' ħames snin, wara li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom.

20. Uffiċjal li għal xi raġuni jonqos li jtemm xi wieħed mill-perjodi ta' servizz mandatorju msemmija f'paragrafu 19 ta'hawn fuq, jista' jkun meħtieġ jirrifondi lill-Gvern ta' Malta l-ispejjeż kollha li jkun ħallas il-Gvern kemm fit-taħriġ bażiku fl-ewwel sena, kif ukoll għal taħriġ barra minn Malta fuq bazi *pro-rata*.

Is-27 ta' April, 2007

date of their commission. It should also be noted that, in terms of current Armed Forces of Malta Regulations, Commissioned Officers who undertake overseas training may be required to serve for a period of mandatory service, subject to a maximum of five years, following the completion of their training.

20. An Officer who fails to complete any of the mandatory periods of service referred to in paragraph 19 above may be required to refund to the Government of Malta all the expenses incurred by the Government both on the first year of basic training and on overseas training, on a pro rata basis.

27th April, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Economics Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Economics Officer* fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

2.1 Il-post ta' *Economics Officer* għandu salarju ta' Lm5,782 (€13,468.44) fis-sena, li jiżdied b'Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) (Skala ta' Salarju 10).

2.2 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) – Lm7,287 (€16,974.14) wara li tagħlaq sentejn servizz fil-grad, u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfacenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Economics Officer,* jew tmien (8) snin jekk ikollha *postgraduate degree* xierqa u rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfacenti.

2.4 Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Unions* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Economics Officer in the Consumer and Competition Division of the Ministry for Competitiveness and Communications

The Public Service Commission invites applications for the posts of Economics Officer in the Consumer and Competition Division of the Ministry for Competitiveness and Communications.

2.1 The salary for the post of Economics Officer is Lm5,782 (€13,468.44) per annum rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28) (Salary Scale 10).

2.2 Subject to satisfactory performance, an Economics Officer will progress to Salary Scale 9 (Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) – Lm7,287 (€16,974.14) on completion of two years service in the grade.

2.3 An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) - Lm7,780 (€18,122.53) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Competitiveness and Communications in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. Fost affarijiet oħra, il-persuni magħżula jkunu meħtieġa li jagħmlu xogħol ta' riċerka, analiżi ta' l-ekonomija, żamma ta' *data* ta' l-istatistika u preżentazzjoni ta' rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra.

5. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ta' l-anqas lawrja rikonoxxuta, jew ġabu l-approvazzjoni li jingħataw lawrja rikonoxxuta fl-Ekonomija, fl-Istatistika, fl-*Accountancy,* fil-Kummerċ*,* fil-Finanzi jew fil-*Banking* jew lawrja rikonoxxuta oħra jew kwalifika professjonali komparabbli oħra b'waħda minn dawn id-dixxiplini bħala s-soġġett prinċipali. Jiġu kkunsidrati wkoll dawk il-kandidati li jkollhom mill-anqas lawrja bl-unuri fil-*Public Policy*, jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Studji Ewropej basta jkunu kisbu b'suċċess *credits* fl-Ekonomija jew Finanzi jew Statistika;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma Uffiċjali Pubbliċi għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand *undergraduates* li se jiggradwaw bi grad imniżżel f'paragrafu 5(ċ) matul is-sena akkademika 2006 - 2007, sakemm jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet f'paragrafi 5 (a), (b) u (d).

4. The selected applicants will be required, *inter alia*, to undertake research work, perform economic analysis and compile statistical data, economic reports and other documents.

5. Applicants must be: -

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (a) (ii), (iii), and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English Languages;

